1.) MFA 2017 Malta Football Association vs Dean Camilleri (11 January 2017)
2.) MFA 2017 Dean Camilleri vs Malta Football Association - Appeal (23 March 2017)

MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
PATRON: HE. Marie-Louise Coleiro Preca, President of Malta

## THE CONTROL AND DISCIPLINARY BOARD.

11 ta' Jannar, 2017
Lis-Sur Dean Camilleri

[...]

Sur Camilleri
Sur Segretarju

Decizjoni mehuda mill-Bord tal-Kontroll u Dixxiplina fis-Seduta tal-Bord tal-Kontroll u Dixxiplina **nhar it-Tlieta 10 ta' Jannar, 2017, fil-5.30pm** fil-Kwartieri tal-Malta F.A. , Floor 2, Millenium Stand , Ta' Qali. Fuq din l-akkuza msemmija hawn taht:

03) Akkuza kontra **Dean Camilleri (MFA 21634)** talli huwa rrifjuta li jaghmel id-doping test wara l-loghba li ntlghebt bejn Sta Venera Lightnings vs Kalkara FC (3 Divizjoni) u dana bi ksur tal-artikoli 5(B)(1.3), 4(5) u 6 (1.3) u (1.1) tad-Doping Charter tal-MFA;

Il-Bord sab lill Dean Camilleri hati

Dan il-player minkejja li kien avzat baqa ma dehrex quddiem il-Bord. Il-Bord sabu ħati li jirrifjuta li jghodd ghat-test. U qed jissospendieh bi ksur tal-artikoli 5(B)(1.3), 4(5) u 6 (1.3) u (1.1) tad-Doping Charter tal-MFA; ghal perjodu ta 48 xhar li minnhom irid jitghnaqqas il-perjodu li Dean Camilleri kien gie sospiz fit-12 ta' Dicembru, 2016. Ghalhekk il-player Dean Camillleri gie sospiz sal 11 ta' Dicembru, 2020.

DejjemTieghek,

Mario Axiaq
Segretarju tal-Bord.

Cc:Sta Venera L

Registered with the Kunsill Malti ghall-Isport (F003)
Member of: Fédération Internationale de Football Association (FIFA)
Union des Associations Européennes de Football (UEFA)

Millennium Stand
Floor 2,
National Stadium,
Ta' Qali ATD 4000
Malta

Telephone: (+356) 2338 6000
Fax: (+356) 2338 6900
email: info@mfa.com.mt
web-site: www.mfa.com.mt

MAIN SPONSORS BOV Bank of Valletta CISK TALOCAN GIVOVA

Appell mressaq minn Dean Camilleri (ID Card Numru: 164380 M) (MFA D: 21631) mid-Decizjoni tal-Bord ta' Kontroll u Dixxiplina datata t-Tlieta, 10 ta' Jannar 2017, li biha huwa gie sospiz ghal perijodu ta' Tmienja u Erbghin (48) xhar - (li minnhom kellu jitnaqqas il-perijodu li serva sa minn meta kien gie sospiz fit-12 ta' Dicembru 2016) - sal-11 ta' Dicembru, 2020, in segwitu tal-fatt li huwa 'irrifjuta' jaghmel id-Doping Test wara l-loghba tat-Tielet Divizjoni bejn Santa Venera Lightnings F.C. u Kalkara F.C. u dan bi ksur tal-Arikoli 5 (B) (1.3), 4 (5) u 6 (1.3) u (1.1) tad-Doping Charter tal-M.F.A.

Il-Bord zamm Seduta nhar it-Tnejn, 13 ta' Marzu, 2017.

Prezenti l-Appellant Dean Camilleri assistit mill-Avukat Dottor Mario Mifsud.

L-Avukat Dottor Adrian Camilleri ghall-M.F.A. kien diversament okkupat b'xoghol iehor tal-M.F.A.

Ra' l-Appell datat l-Erbgha, 25 ta' Jannar 2017 li gie intavolat fl-istess gurnata.

Ra' kopja tal-Ittra ta' Notifika datata l-Erbgha, 04 ta' Jannar, 2017, mibghuta bil-posta ordinarja lill-Appellant, mis-Sur Mario Axiaq Segretarju tal-Bord ta' Kontroll u Dixxiplina, sabiex huwa jidher quddiem l-istess Bord nhar it-Tlieta, 10 ta' Jannar, 2017, sabiex iwiegeb ghall- akkuza li *"huwa rrifjuta li jaghmel id-Doping Test wara l-loghba tat-Tielet Divizjoni bejn Sta. Venera Lightnings F.C. u Kalkara F.C (li intlaghbet fil-11 ta' Dicembru, 2016) u dan bi ksur tal-Artikolu 5 (B) (1.3), 4 (5) u 6 (1.3) u (1.1) tad-Doping Charter tal-M.F.A".*

Ra' d-Decizjoni tal-Bord ta' Kontroll u Dixxiplina datat l-Erbgha 11 ta' Jannar, 2017, li biha l-istess Bord sab lill-akkuzat hati tal-akkuza migjuba quddiemu u cjoe "*li irrifjuta li joqghod ghat-test*" u dan wara " *li minkejja li kien avzat baqa ma deherx quddiem il-Bord*" u issospendih ghal Tmienja u Erbghin (48) xhar (bit-tnaqqis tal-perijodu ta' sospensjoni gja servut) u ghalhekk sal-11 ta' Dicembru, 2020.

Il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti:

Illi fil-11 ta' Dicembru, 2016, waqt il-loghba tat-Tielet Divizjoni bejn Sta. Venera Lightnings F.C. u Kalkara F.C., l-Appellant - li ghalkemm huwa player tal-Waterpolo matul x-Xitwa sabiex izomm ruhu fit u f'kundizzjoni fizika tajba, jilghab il-football ma Sta. Venera F.C. - kien qieghed fuq il-bankina tas-sostituti, u peress li xtaq jitlaq malajr minhabba li kellu problemi d-dar, talab il-permess lill-kowc tieghu sabiex jmur id-dar. Dan tah il-permess. F'dan il-hin u waqt li kien appijk li jitlaq huwa gie avvicinat mill-President tal-klabb, is-Sur Rennie Briffa, li avzah li wara l-loghba huwa kellu jaghmel id-Doping Test ghax kien ghadu kemm gie avzat li huwa kien wiehed miz-zewg players li ismu tela bil-polza sabiex jissottometti ruhu ghal dan it-test. Huwa qal lill-President li kellu problema d-dar u li l-kowc kien ghadu kif tah l-permess li jitlaq u peress li huwa kien konxju li sakemm isiru dawn it-testijiet kien ser jghaddi hafna hin, offra li jaghmel it-test dak il-hin stess kif kienet il-prattika fil-waterpolo. Irrizulta li dan ma setax isir ghax il-prattika ta' l-M.F.A. kienet li testijiet simili jsiru wara tmiem il-loghba. Huwa f'din is-sitwazzjoni, bejn li kien imfixkel bil-problema domestika li kienet qed tinkombi fuqu u bejn li fil-verita' m'apprezzax il-gravita' tas-sitwazzjoni fis-sens li kwalunkwe sospensjoni, jekk kien ikun I-kaz, kienet tkun estiza ukoll

ghal-loghba tal-waterpolo, ddecieda li jmur id-dar u naqas li jaghmel it-test rikjest wara l-loghba. Dan ghamlu allavolja xi uhud minn shabu qalulu li seta jigi sospiz.

Is-Sur Rennie Briffa, President ta' Sta. Venera Lightnings F.C. fix-xhiedha tieghu kkonferma illi dak in-nhar tal-loghba, meta wassal l-messagg lill-Appellant illi wara tmiem il-loghba huwa kellu jissottometti ruhu ghal Doping Test, l-Appellant infurmah li l-kowc kien tah permess sabiex jitlaq u jmur id-dar ghax kellu problema urgenti hemmhekk u li ghalhekk huwa ma setax jistenna sakemm tispicca l-loghba biex jaghmel l-imsemmi test. Huwa qal li l-Appellant offra li jissottometti ruhu ghat-test dak il-hin stess, izda dan irrizulta li ma kienx possibbli. Is-Sur Briffa qal li anki ghal-loghba l-Appellant kien wasal tard u deher li kien inqalalu xi haga, li pero' hu ma kienx jaf x'inhi. Huwa qal li ghalkemm hu u ohrajn qalu lill-Appellant li kien qed jirriskja li jigi sopiz, huwa xorta deherlu li ghandu jitlaq ghax hass li l-problema li kellu d-dar kienet aktar importanti.
.
Fix-xhiedha tieghu l-Appellant ikkonferma kif graw il-fatti tal-kaz. Hu qal li kien inkwetat bi problemi personali d-dar u hass li dawn setghu jaggravaw aktar milli gja kienu waqt li huwa kien qieghed ghal-loghba fuq il-bank tas-sostituti. Huwa qal li b'sens ta' dover ghax kien gie mghajjat ghal-loghob, mar ghall-loghba, ghalkemm forsi wara l-izvilupp tal-fatti kif graw jahseb li ma kenitx l-ahjar decizjoni. Meta beda t-tieni half huwa saqsa lill-kowc jekk kellux il-hsieb li jdahhlu jilghab u meta dan qallu li probabilment ma kienx sejjer ikun il-kaz, hu talab il-permess lill-Kowc sabiex jitlaq u imur d-dar. Fil-mument li kien se jitlaq mar fuqu l-President tal-Klabb, is-Sur Rennie Briffa, li avzah li ismu kien gie mtella fliemkien ma dak ta' player iehor (Ryan Grech) biex jissottomettu ruhhom ghad-Doping Test. Ghax kien jaf bhala fatt (diversi drabi tul is-snin hu kien ghamel testijiet simili fid-dixxiplina tieghu tal-waterpolo) li minhabba f'hekk kien sejjer jghaddi hafna hin qabel jkun jista jitlaq, huwa offra li jaghmel it-test dak il-hin stess. Dan kien xi kwarta wara li kienet bdiet it-tieni taqsima. Huwa gie infurmat li dan ma setax isir ghax il-procedura kienet li dan it-test, kuntrarjamet ghal dak li jsir fil-waterpolo, isir wara t-tmiem tal-loghba.Huwa qal li infatti fil-waterpolo l-prattika kienet li ufficjali tal-Kunsill Malti tal-Isport spontanjament jaghjjtu lill-players u dak il-hin stess minghajr tlaghajjar isir it-test. Huwa qal li dak il-hin hass li kien aktar importanti li tissolva l-problema d-dar - minghajr ma verament irrejalizza l-portata tal-konsegwenzi possibbli - u huwa baqa sejjer id-dar. Huwa qal li kien veru li dak il-hin xi membri tal-klabb qalulu li seta jehel sospensjoni, izda dak il-hin, certament mhux b'xi sfida, deherlu li kien qed jiehu d-decizjoni gusta u mar id-dar.

L-Appellant qal li hu qatt ma **rrifjuta** li jaghmel d-doping test. Mhux talli hekk izda bhala stat ta' fatt huwa offra li jaghmlu dak il-hin stess, kif del resto kienet il-prattika fil-waterpolo. Huwa qal li kien ilu jipprattika l-waterpolo ghal dawn l-ahhar 24 sena u ghall- erba snin kien ukoll membru tat-Tijm Nazzjonali Malti f'din id-dixxiplina. Huwa qatt ma kellu problemi u meta gie mitlub jissottometti ruhu ghal doping test, dan dejjem ghamlu minghajr diffikulta' ta' xejn. Zied jghid li t-*track record* tieghu kien impekkabbli taht kwalunkwe aspett u dan seta jikkonfermah il-Kowc tat-Tijm Nazzjonali Malti, s-Sur Karl Izzo, li kien prezenti u jekk mitlub kien ippreparat li jixhed f'dan ir-rigward. Hu sahaq, u dan kien qed jghidu bir-rispett kollu, li l-football ghalih kien sekondarju ghax hu essenzjalment kien player tal-waterpolo, li fix-xitwa meta l-istagun tal-Waterpolo jkun prattikament wieqaf, sabiex izomm ruhu attiv u fizikament f'postu, kien jilghab il-football mat-tijm ta' Sta. Venera F.C. Fil-fatt fil-passat kien imur ghat-tahrig (training) biss mal-istess klabb u kien jkun biss xahar qabel (li jibda l-Istagun) li kien jirregistra mal-Klabb sabiex jkun jista jilghab meta mitlub.

L-Appellant qal li fid-Decizjoni tal-Bord tal-Kontroll u Dixxiplina, jinghad li huwa naqas li jattendi quddiem l-istess Bord. Huwa qal li fl-ebda hin ma gie notifikat bl-udjenza u jhoss ghalhekk li ma kienx nuqqas tieghu li ma kienx prezenti. Huwa qal li kieku gie notifikat bis-Seduta, huwa ma kien sejjer ikollu l-ebda problema li jattendi, aktar u aktar meta huwa kellu interess ovvju li jiddefendi ruhu. Huwa qal li lest li jaghmel kwalunkwe doping test li jista jkun rikjest minnu. Huwa qatt ma kellu problemi f'dan ir-rigward u f'dawn ic-cirkostanzi rega sostna li kien lest jissottometti ruhu ghal kwalunkwe ezami fil-meritu biex ma jhalli l-ebda dubju dwar il-genwinita' u l-integrita' tieghu li qatt ma kienu mittifsa tul is-snin.

L-Avukat Mifsud ghall-Appellant issottometta illi l-piena inflitta fuq l-Appellant hija bbazata fuq htija 'teknika' (ghax l-Appellant ma ssottomettiex ruhu ghal doping test u mhux ghax instab posittiv fid-doping) u dan wara Decizjoni mehuda mill-Bord tal-Kontroll u Dixxiplina unikament ibbazata fuq il-fatt li l-Appellant ma deherx ghall-udjenza, meta fir-rejalta' l-Appellant jghid li ma kiex notifikat bis-Seduta tal-istess Bord. Huwa qal li meta wiehed jikkonsidra kollox ma kollox, forsi kien ikun jaghmel aktar ghal-kaz li l-istess Bord jipposponi s-Seduta ghal- data ohra sabiex isiru l-accertamenti dwar in-notifika, jekk il-kaz, u dan stante l-entita' tal-htija f'kaz ta' piena. Huwa ssottometta illi l-piena inflitta fuq l-Appellant hija fic-cirkostanzi kollha ta' kif zvolgew il-fatti, wahda eccessiva ghall-ahhar.

Huwa talab lill-Bord tal-Appell ihassar id-Decizjoni tal-prim'istanza li sabet lill-Appelant hati li rrifjuta li jaghmel id-doping test wara l-loghba u tilliberah minn kull htija u piena u li f'kull kaz u sussidjarjament l-Bord tal-Appell ihassar u jirrevoka dik il-parti tad-Decizjoni kontenenti l-piena inflitta fil-konfront tal-Appellant u minflok tinfliggi piena aktar idoneja skond ic-cirkostanzi tal-kaz.

L-Artikoli tad-Doping Charter tal-M.F.A. li tahthom gie misjub hati l-Appellant huma s-segwenti:

5. THE MFA DOPING PROCEDURE

B. Selection of Players to undergo tests at Matches

1.3 - A player who has been selected to play may not leave the venue of the match earlier than the end of the match unless for the reason stated in Para. 1.2 above.

*(Para. 1.2 - If a player sustains serious injury which necessitates that he undergoes treatment immediately..........)*

If a player has been selected to undergo a test he may not leave the venue of the match before he has undergone the test. If such a player leaves the venue of the match earlier than the times mentioned in this paragraph and such a player is selected or has been selected to undergo a test, then such player shall be deemed to have failed the test.....

4. THE MFA DOPING REGULATIONS

(5) Any player who refuses to provide a sample or refuses to permit that sample to be submitted to the test......shall be deemed to have failed the test and shall be in breach of Regulation 1.

*(Regulation1 - No player shall use or attempt to use or take advantage or attempt to take advantage of a prohibited substance or a prohibited method).*

6. PENALTIES

1.3 - In the case of a player who is deemed go have failed the test because he refuses to submit to a test..........such player shall be liable to the punishments mentioned in Clause 1.1 above

*(Clause 1.1 (a) a suspension of Forty-Eight (48) months in the case of the first doping offence. (b).................. (c)............................)*

Meta gie biex jikkonsidra dan l-Appell il-Bord zamm quddiem ghajnejh il-bzonn u necessita' li filwaqt li jirrikonoxxi li skop principli tal- WADA Code kif rifless fid-Doping Charter tal-M.F.A. u cjoe li javvanza l-isforzi kontra d-doping, huwa fil-process ukoll jonora u jirrispetta kompletament il-principju ta' proporzjonalita' u drittijiet umani u dan filwaqt li jipprotegi u jiggarantixxi d-dritt ta' kull persuna akkuzata bi vjolazzjoni tar-regolamenti ta' kontra id-doping, bi smiegh xieraq u gust.

Il-Bord ma ghandu l-ebda dubju illi f'dan il-kaz il-procedura li giet segwita kienet wahda kif rikjesta. L-ufficjali tal-M.F.A. responsabbli mid-doping tests dak in-nhar tal-loghba in kwistjoni kienu pjenament fid-drittijiet taghhom meta rrifjutaw li jaccettaw illi l-Appellant 6jaghmel id-doping test dak il-hin stess li talab li jaghmel hekk u mhux kif kienet il-prattika accettata u stabbilita li dawn isiru wara tmiem il-loghba. Hekk ukoll mexa sew u kien fil-pjen dritt tieghu l-Bord ta' Kontroll u Dixxiplina li wara li kkonstata li s-Segretarju tieghu kien baghat in-notifika lill-Apppellant biex dan jidher quddiem il-Bord fid-data u fil-hin stabbilit, ipproceda biex jiehu decizjoni fil-konfront tal-Appellant wara li dan naqas (ghal-raguni mhux maghrufa mill-Bord) li jidher quddiem l-istess Bord sabiex iwiegeb ghall-akkuza migjuba kontra tieghu. Dan id-dritt li jipprocedi johrog car mill-Artiklu 145 *(Notices served by the Association) (Part XIV, Miscellaneous Matters tal-Istatut tal- M.F.A),* li filwaqt li fis-sub-inciz (ii) jitkellem dwar il-fatt li n-notifika lil individwu - kif inhu f'dan il-kaz - tista ssir apparti mezzi ohra, permezz ta' ittra, fis-sub-inciz (iii) jghid li "*If sent by post, such notice shall be deemed to have been served at the time when the letter containing the same, would in the ordinary course of post, be delivered and in proving such service,* ***it shall be sufficient to prove that the letter containing the notice was properly addressed and posted....".*** Id-Decizjoni tal-Bord kienet wahda ta' sospensjoni ta' Tmienja u Erbghin (48) xahar (minn liema perijodu kellu jitnaqqas il-perijodu ta' sospensjoni gja servut) sal- 11 ta' Dicembru, 2020, mhux ghax l-Appellant fattwalment ma assigurax *"that no prohibited substance enters his body"* izda ghax ma ghamilx id-doping test u dan ghal cirkostanzi u ragunijiet li xehed fuqhom quddiem il-Bord tal-Appell, liema cirkostanzi u ragunijiet il-istess Bord ta' Kontroll u Dixxiplina la kien jaf u lanqas seta jkun jaf stante in-nuqqas tal-Appellant li jidher quddiemu (ghax kif qal ma kienx gie notifikat).

Il-Bord ikkonsidra illi l-insjem u l-*bottom-line* ta' dawn ic-cirkostanzi wassal li fuq infrazzjoni 'teknika' u mhux ghal offiza fattwali, l-Appellant minghajr ma' kellu l-possibilita' li jesponi l-posizzjoni u l-verzjoni tieghu qabel l-istadju tal-Appell, gie sospiz ghal-perijodu li ghalkemm minimu huwa twil, li bhala konsegwenza stante l-eta' tal-Appellant, effettivament qed jitterminalu l-karriera sportiva tieghu.

Il-Bord ihoss li ghalkemm sar dak kollu li kellu jsir u kif suppost u skont ir-regolamenti vigenti, l-Appellant inghata kif jinghad fil-jergo Ingliz *"a raw deal"* u ma nghatax dak li ghandu dritt ghalih u cjoe smiegh xieraq u gust. Dan huwa dritt li huma x'inhuma c-cirkostanzi qatt ma jista jigi skartat.

Il-Bord li kellu l-opportunita' jisma lill-Appellant jixhed u jirrakkonta fid-dettal x'gara u ma garax u fil-process kellu l-opportunita' ukoll li jivvaluta u jassessja l-*body language* tieghu. Il-Bord jemmen li l-Appellant kien genwin meta ha d-decizjoni li jipprocedi li jmur d-dar biex jittanta jsolvi l-problema li kellu, minflok joqghod jistenna sabiex isir t-test wara tmiem il-loghba. Naturalment dan kien kontra r-regolamenti u ghalhekk kien hazin u f'ghajnejn ir-regolamenti tal-anti-doping irrendieh hati ta' ksur tal-istess regolamenti daqs li kieku abbuza mid-droga fizikament. Il-verzjoni tal-fatti kif rakkuntata mill-Appellant giet korroborata anki mill-President ta' Sta. Venera F.C., is-Sur Rennie Briffa, li zvela ukoll l-fatt li l-Appellant kien wasal tard ghal-loghob u deherlu li kien imfixkel u li kien hemm xi haga li kienet qed tinkwetah. L-Appellant huwa essenzjalment player tal-waterpolo u l-interess tieghu fil-football kien tajjeb jew hazin, sekondarju. L-Appellant ma rrifjutax li jaghmel it-test, izda ried jaghmlu dak il-hin stess u fl-opinjoni tal-Bord d-decizjoni tieghu li jmur d-dar kienet mis-kalkolazzjoni u ivvalutar hazin tac-cirkostanzi u l-effetti negattivi li tali decizjoni setghet iggib fuqu. Jidher li f'karriera sportiva ta' erba u ghoxrin sena l-Appellant qatt ma kellu problemi ta' din in-natura u l-Bord huwa sodisfacentement konvint li l-Appellant huwa bniedem tal-affari tieghu.

Il-Bord huwa konvint ukoll li meta l-Appellant jghid li huwa ma giex notifikat (wiehed jinnota li ma jallegax li ma ntbaghtitlux notifika) huwa qed jghid il-verita'. Huwa nkoncepibbli li persuna volontarjament u ghall ebda raguni tghid li ma gietx notifikata u b'hekk twarrab l-opportunita' li tkun qed tigi mghotija sabiex tiddefendi ruhha. Ghalkemm l-Appellant jidher li ma kienx irrejalizza illi sospensjoni ghal-doping hija applikabbli ghal kull sport li wiehed ikun jipprattika, l-Bord jifhem illi anki jekk verament f'xi mument emmen hekk, bhala sportiv l-Appellant qatt ma seta jaccetta li ismu jiccappas qisu xejn mhu xejn.u dan aktar u aktar meta huwa fir-rejalta' ma jkunx abbuza mid-droga. Il-Bord ghalhekk filwaqt li huwa konvint li ntbaghtet notifika lill-Appellant kif suppost u skont il-prassi, mill-banda l-ohra jemmen ukoll lill-Appellant meta jghid li ma rceviex tali notifika. Din la hija l-ewwel u lanqas l-ahhar darba illi notifika tintilef fil-posta u hu ghalhekk forsi desiderabbli illi fil-futur, fejn hu possibbli, f'kazi ta' din il-portata jintuzaw diversi mezzi li jkunu awtomatikament *back-up* ta' xulxin sabiex isiru n-notifiki necessarji, Huwa forsi desiderabbli ukoll illi f'kazi simili fejn ikun jidher li decizjoni li tkun se tittiehed tista tkun ta' certa portata u Appellant kontra dak li huwa normali u mistenni ma jidhirx, wiehed jikkonsidra mill-lat prattiku l-possibilita' ta' differiment sabiex jelimina l-effetti mhux mixtieqa ta' xi imprevist.

Wara li jinghad dan kollu pero' ghalkemm bhala fatt jirrizulta li ma kien hemm l-ebda prova li l-Appellant abbuza mid-droga, bhala fatt ukoll jirrizulta li huwa kiser ir-regolamenti vigenti. Dan huwa ukoll rikonoxxut indirettament mill-istess difiza tieghu fejn l-gharef difensur aktar ghamel enfasi fuq il-fatt li l-piena imposta hija fic-cirkostanzi ferm esagerata.

Il-Bord jaqbel illi dan huwa l-kaz u jemmen illi f'dan il-kaz l-Appellant agixxa kif agixxa ghax verament hass u deherlu li dik kellha tkun it-triq li kellu isegwi fic-cirkostanzi partikolari tal-mument. L-Appellant fl-opinjoni tal-Bord ma huwiex hati la ta' xi - *significant fault* - u lanqas ta' - *negligence.* Id-decizjoni li ha kienet wahda voluta izda mhux volutament hazina li wasslet ghal azzjoni li kien konvint li kienet dik tajba u apposita fil-moment. Il-Bord ihoss illi konsiderando dan kollu jaghmel hafna aktar ghal kaz li l-piena imposta fuq l-

Appellant tigi ridotta a bazi u bl'applikazzjoni ta' dak kontenut fl-Artiklu 6 (1.2 - c) tad-Doping Charter tal-M.F.A.li jghid li:

**If a player establishes in an individual case that he bears no significant fault or negligence, then the otherwise applicable period of suspension may be reduced, but the reduced period of suspension may not be less than half of the period of suspension otherwise applicable....**

In vista ta' dan ghalhekk il-Bord filwaqt li jikkonferma dik il-parti tad-Decizjoni tal-Bord ta' Kontroll u Dixxiplina datata 10 ta' Jannar, 2017 li sabet lill-Appellant hati ta' ksur tal-Artikli 5 (b) (1.3), 4 (5) tad-Doping Charter tal-M.F.A., parzjalment jilqa l-Appell ghal dak li jirrigwarda l-piena u bl-applikazzjoni tal- Artiklu 6 (1.2. (c)) tal-istess Doping Charter tal-M.F.A., jirriduci l-piena ta' sospensjoni minn wahda ta' 48 xahar (li minnu kellu jitnaqqas il-perijodu ta' sospensjoni gja servut) sal- 11 ta' Dicembru, 2020, ghall wahda ta' 24 xahar, minn liema perijodu ghandu jitnaqqas il-perijodu ta' sospensjoni gja servut.

Id-Depozitu ta' Mija u Ghoxrin Ewro (EUR 120) ghandu jintilef favur l-M.F.A.

Illum, il-Hamis, 23 ta' Marzu, 2017.

______________________________
Dr. Ronald D. Cuschieri - Chairman

______________________________.
Anthony Borg - Membru

______________________________
Victor Scicluna - Membru